



Brussell, 28 ta' April 2023
(OR. en)

8564/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0080(BUD)**

**FIN 461
PE-L 17**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7494/23 (COM(2023) 150 final)
Suġġett:	Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għall-baġit ġenerali 2023: Aġġustamenti tekniċi li jirriżultaw mill-ftehimiet politiċi milfuqa dwar diversi proposti leġiżlattivi, inkluż fir-rigward tar-REPowerEU, il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera u l-programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura – <i>Adozzjoni</i> – <i>Approvazzjoni ta' ittra</i>

1. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 1 għall-baġit ġenerali għall-2023 dwar aġġustamenti tekniċi li jirriżultaw mill-ftehimiet politiċi milfuqa dwar diversi proposti leġiżlattivi, inkluż fir-rigward tar-REPowerEU, il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera (CBAM) u l-programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura¹.

¹ Dokument 7494/23.

L-għan ta' din il-proposta huwa li:

- tiġi aġġustata n-nomenklatura baġitarja u rimarki wara l-adozzjoni tal-pjan REPowerEU² u tar-Regolament³ b'emendi mmirati għar-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)⁴, id-Direttiva dwar l-Iskemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS)⁵, kif ukoll ir-Regolament dwar ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (RAB)⁶;
- tiġi ttrasferita l-linja operazzjonali tas-CBAM mill-intestatura 1 għall-intestatura 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), f'konformità mal-ftehim finali li ntlaħaq f'Diċembru 2022 mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill dwar l-istabbiliment tas-CBAM, filwaqt li jiġu aġġustati l-appropriazzjonijiet tal-persunal u appropriazzjonijiet amministrattivi oħra taħt l-intestatura 7 skont id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva riveduta;
- jissaħħaħ il-programm ta' Konnettività Sigura Spazjali għal ammont ta' EUR 50 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn, sabiex jitlesta l-finanzjament tal-programm għall-perjodu sa tmiem l-2027⁷;
- tiġi aġġustata l-kontribuzzjoni tal-UE u/jew tal-għadd tal-persunal tal-Awtorità għall-Għieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA), tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER), tal-Aġenzija għall-appoġġ tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) biex jitqiesu l-bidliet fil-mandati tagħhom;

² Dokument 9787/22 (COM(2022) 230 final).

³ Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

⁴ Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

⁵ Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275 25.10.2003, p. 32).

⁶ Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).

⁷ Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027 (ĠU L 79, 17.3.2023, p. 1).

- tiġi aġġustata t-tabella tal-persunal tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA) biex titqies bidla minuri fl-istruttura tal-persunal tal-aġenzija eżekuttiva;
- jiżdied il-livell ta' approprjazzjonijiet tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) biex jiġu ffinanzjati tariffi legali wara żieda ta' kawżi ta' litigazzjoni relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data⁸.

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-ABE 1 fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 52,6 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn. Mhi qed tintalab l-ebda approprjazzjoni ta' pagament addizzjonali.

2. Sabiex il-Kunsill ikun jista' jadotta pożizzjoni dwar l-ABE Nru 1/2023 mingħajr dewmien, il-Kunsill għandu jiddeċiedi, minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, li jqassar, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-perjodu ta' tmien ġimgħat stipulat fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea.
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-ABE Nru 1/2023 fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Marzu 2023, u seta' jaċċettah mingħajr bidliet.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:
 - jadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2023 kif tinsab fil-punt 3;
 - jagħti struzzjonijiet lill-Presidenza biex tħejji d-dokumenti baġitarji li għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u tapprova l-abbozz ta' ittra fl-Anness għal dak il-għan; u
 - jippubblika d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023, kif tinsab fid-dokument 8565/23, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

⁸ Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

- fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni, jiddeċiedi li jidderoga, abbażi tal-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu.
-

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kunsill

lil : President tal-Parlament Ewropew

Sinjura President,

Qed nibgħatlek separatament il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1 għas-sena finanzjarja 2023, adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Mejju 2023.

(Formola tal-għeluq).
